MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 539/2009

**Korporazzjoni Enemalta u b'degriet tal-15 ta' Ottubru 2014 l-okkju gie mibdul ghal "Enemalta plc"**

**vs**

**Schembri Barbros Limited C9577**

**It-Tribunal,**

**Ra** li f'dan l-AVVIZ il-Kumpanija Attrici qed titlob li s-Socjeta' Konvenuta tigi kundannata thallasha l-*quantum* ta' elf, hames mija tmienja u tmenin Ewro wiehed u tletin centezmi (€1,588.31c) rapprezentanti danni kagunati f'taghmir tal-Enemalta nhar il-25 ta' Novembru 2006 f'Hal Far. Bl-ispejjes u l-imghax.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

1. Is-Socjeta' eccipjenti mhiex responsabbli ghad-danni msemmija.
2. Konsegwentement m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-Enemalta u, bla pregudizzju, il-*quantum* imsemmi jrid jigi pruvat.
3. M'hemmx lok ghall-kundanna tal-hlas imsemmi.

II PROVI

1. It-TRIBUNAL qed hawn jislet biss xi haga mill-provi u ghalhekk issir riferenza ghall-provi shah li jinsabu fil-process.

2. **<u>Jesmond Grech</u>**, *forman* mal-Enemalta, qal li f'jum tas-Sibt, waqt li kien *stand-by duty* telefonata gharrfithom li kien hemm xi postijiet bla dawl u s-Socjeta' konvenuta gharrfithom b'telefonata li kienu laqtu *cable* hdejn l-*open centre* Hal Far. Mar fuq il-post u saru t-tiswijiet. Ha r-ritratti Dok JG1-3 u dwarhom ta' spjegazzjoni. Semma li *slabs* u l-marki li kien ghamel Mark Cauchi li juru mnejn ikunu ghaddejjin il-*cables* izda mhux il-fond. Ikun hemm sett wiehed biss ta' "warning slabs" ghaz-zewg settijiet ta' *cables* (ara *fol* 18). Huma ma jatu pjanti ta' xejn rigwardanti l-*cables*. Qabel dawn kienu jkunu mirduma fil-hamrija, illum fir-ramel. Esibixxa bhala Dok JG4, rapport li semma meta xehed (Incident Report *a fol* 35 *et seq*).

3. **<u>Mark Cauchi</u>** hu nkarigat mill-markar tal-*cables* ghal Enemalta. Dawk in kwistjoni mmarkhom fl-14 u fl-20 ta' Novembru 2006 fil-prezenza ta' Joseph Scicluna tas-Socjeta' konvenuta. Esebixxa sett ta' dokumenti, Dok MC dwarhom, pjanta tal-*cable* u *site plan* ecc bil-firma tieghu u ta' Scicluna. Hu ta spjegazzjoni dwar dan u dettalji tal-hsara. Dejjem ghandu jintuza makkinarju hafif sakemm jinstabu l-*cables*. Hu jimmarka bi *spray* orangjo qisu kull 10 piedi – u ta dettalji dwar il-markar.

4. **<u>Eric Montfort</u>** esebixxa bhala Dok EM1 rendikont tal-ispejjes inkorsi mill-Enemalta.

5. **<u>Ing. Patrick Borg Cardona</u>** meta sehh l-incident kien *on call*. Fuq il-post kien il-kuntrattur stess li wrihom fejn kienet il-hsara – ilqit ta' *high tension cable*. Qalulu jiftah aktar it-trinka u Enemalta stess sewwiet il-hsara. Hu ghadda biex spjega x'juru r-ritratti dwar il-hsara esebiti. Sew meta kienet tintuza l-hamrija u llum li jintuza r-ramel dejjem ikun hemm *slabs* biex jipprotegu. Huma ma jatux pjanta tal-*cables* izda dejjem ikun hemm *cable attendant*, wiehed ghal kull distrett, biex jirrispondi d-domandi.

6. **<u>PS 359 C. Abdilla</u>** tal-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun xehed b'affidavit *a fol* 66 dwar rapport li sar fl-Ghassa ta' B'Bugia minn Jesmond Grech dwar l-incident. Hemm ir-rapport tal-istess PS Abdilla dwar x'irrizulta meta nvestiga l-kaz.

7. **<u>Joseph Scicluna</u>** jahdem bil-gaffa mas-Socjeta' konvenuta u qal li kienu jaghmlu trinka tad-drenagg go ghalqa tal-Enemalta u mmarkawlhom xi *cables* u huma sabuhom izda sabu ohrajn li ma kienux markati. Min jimmarka ma jghidx kemm hemm *cables*. Illum qed isiru marki aktar dettaljati.

8. **<u>Carmelo Schembri</u>**, direttur tas-Socjeta' konvenuta, qal li kienu mmarkawlhom *cables* u sabuhom izda kien hemm *cable* iehor li kien ghaddej minnu d-dawl u li ma kienx immarkat. Dwar *cables* markati jahdmu bl-ghodda tal-idejn. Indika li d-dokument *a fol* 23 ghandu t-timbru taghhom, dak *a fol* 25,

le. Jghid li dan tal-ahhar ma rahx qabel. Il-*cable* l-iehor kien bla *slab* u laqtuh waqt li kienu jiskavaw fil-hamrija.

9. **Anton Schembri**, *Executive Manager* mas-Socjeta' konvenuta, xehed fis-sustanza bhal Carmelo Schembri.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL iqis li x-xoghol li kien qed isir mis-Socjeta' konvenuta kien wiehed delikat hafna. Li tinqata provvista ta' dawl ghax jintlaqat *cable* hi haga serja izda hi haga serja wkoll, anzi iktar, li fil-process ta' lqit ta' *cable* bl-ghodda hemm fin-nofs sogru ghall-hajja tal-bniedem. Dan ifisser li trid tintuza attenzjoni massima. Attenzjoni sew minn min jati x-xoghol (hawnhekk l-Enemalta) kif ukoll minn min jiehu l-kuntratt u attwalment jesegwixxi x-xoghol, jigifieri fil-kaz taht ezami, is-Socjeta' konvenuta.

2. Meta jqis bir-reqqa kollha kollox, dak kollu li tressaq quddiemu, it-TRIBUNAL jikkonkludi li seta u messu kien hemm attenzjoni ahjar miz-zewg nahat. Ghalhekk ghall-hsara li sehhet ghandhom ikunu responsabbli t-tnejn u dana fi grad ugwali.

IV DECIZJONI

In vista ta' dak migjub hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi t-talba billi (1) **jiddikjara** li s-Socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghall-hsara mertu tal-AVVIZ fi grad ta' hamsin fil-mija (50%) u jichadha inkwantu ghal bqija; konsegwentement (2) **jichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta sa Hamsin fil-mija (50%) biss u dana kif kompatibbli ma dak deciz fuq it-TALBA tal-Enemalta plc (3) **jikkundanna** lis-Socjeta' konvenuta thallas lil Enemalta plc, in linea ta' danni, il-*quantum* ta' €794.155, liema hlas ghandu jsir sa ghoxrin jum mil-lum u jekk dan ma jsirx jibda ghaddej l-imghax mill-wiehed u ghoxrin jum sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **jordna** li l-ispejjes tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------